



EUROPEAN PARLIAMENT

DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-POLITIKI INTERNI
DIPARTIMENT TEMATIKU B: POLITIKI STRUTTURALI U TA'
KOEŻJONI

KULTURA U EDUKAZZJONI

FORMAZZJONI TAL-GĦALLIEMA: IS-
SITWAZZJONI ATTWALI U L-
PROSPETTIVA TAT-TAĦRIĠ TAL-
GĦALLIEMA TAL-PRIMARJA FL-EWROPA

STUDJU

Transunt

Dan l-istudju jipprovdi input lill-Kumitat għall-Edukazzjoni u l-Kultura tal-Parlament Ewropew dwar il-kwalità tal-għalliema fl-iskejjel primarji fl-Ewropa. Jivvaluta s-sitwazzjoni attwali tat-taħriġ inizjali tal-għalliema, l-appoġġ bikri fil-karriera u l-iżvilupp professjonali kontinwu fl-Ewropa mill-perspettiva tal-għalliema individwali u l-edukaturi tal-għalliema. Nirrapportaw dwar sa liema punt dawn is-sottosistemi tal-continuum tal-formazzjoni tal-għalliema jgħinu lill-għalliema jaffrontaw l-isfidi fil-klassijiet tagħhom, fl-iskola u fil-livell tas-sistema. Ir-rapport iqis ir-riformi fis-settur wara rakkomandazzjonijiet preċedenti. L-istudju jikkonkludi b'rakkomandazzjonijiet ta' politika dwar kif tittejjeb aktar il-kwalità tat-tagħlim permezz tal-formazzjoni tal-għalliema.

Dan id-dokument intalab mill-Kumitat għall-Edukazzjoni u l-Kultura tal-Parlament Ewropew.

AWTURI

Panteia: Johan Bokdam, Inge van den Ende
Ockham IPS: Simon Broek

AMMINISTRATUR RESPONSABBLI

Ana Maria Nogueira
Dipartiment Tematiku B: Politiki Strutturali u ta' Koeżjoni
Parlament Ewropew
B-1047 Brussell
E-mail: poldep-cohesion@europarl.europa.eu

ASSISTENZA EDITORJALI

Lyna Pärt

VERŻJONIJIET LINGWISTIĊI

Original: EN
Traduzzjoni: DE, FR

DWAR L-EDITUR

Biex tikkuntattja lid-Dipartiment Tematiku jew biex tabbona fil-bullettin tiegħu, jekk jogħġbok ikteb lil:
poldep-cohesion@europarl.europa.eu

Il-manuskritt tlesta f'Lulju 2014
© Unjoni Ewropea, 2014

Dan id-dokument huwa disponibbli fl-internet fl-indirizz:
<http://www.europarl.europa.eu/committees/mt/studies.html>

DIKJARAZZJONI TA' ĊAĦDA TA' RESPONSABILITÀ

L-opinjoni espressi f'dan id-dokument huma r-responsabbiltà unika tal-awturi u mhux neċessarjament jirrappreżentaw il-pożizzjoni uffiċjali tal-Parlament Ewropew.

Ir-riproduzzjoni u t-traduzzjoni għal raġunijiet mhux kummerċjali huma awtorizzati, dment li s-sors jiġi rikonoxxut u l-pubblikatur ikun mgħarraf minn qabel u jingħata kopja.

SOMMARJU EŻEKUTTIV

L-għan tal-istudju

L-għalliema huma l-fattur l-aktar importanti fl-iskola li jinfluwenza l-kwalità tat-tagħlim tal-istudenti. F'dan l-istudju nseguw approċċ f'diversi livelli għall-kwalità tal-għalliema li fih it-taħriġ u l-iżvilupp professjonali tal-għalliema huma strumentali għat-taħriġ u l-kisba ta' riżultati tal-istudenti.

L-għalliema jesperjenzaw firxa wiesgħa ta' sfidi relatati mat-tagħlim u l-effikaċja tat-tagħlim, kif ukoll talbiet soċjetali li qed jiżdiedu għal edukazzjoni effikaċi. Dan jirrikjedi bidliet sistematiċi fil-professjoni tat-tagħlim, iżda anke enfasi akbar fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ tal-għalliema.

Il-mistoqsijiet ewlenin għal dan l-istudju huma: (1) kemm, attwalment, is-sistemi Ewropej ta' formazzjoni tal-għalliema huma adatti u (2) l-formazzjoni inizjali u kontinwa mtejbja tal-għalliema tista' tgħin lill-għalliema jaffaċċjaw l-isfidi attwali u futuri.

Dan l-istudju jeżamina kif l-istrateġiji nazzjonali stabbiliti biex tittejjeb il-kwalità tal-għalliema jirrelataw ma' stadji differenti fil-karrieri tal-għalliema u ma' continuum ta' formazzjoni tal-għalliema. Il-formazzjoni tal-għalliema tista' titqies bħala waħda li tinkludi tliet stadji: Il-Formazzjoni Inizjali tal-Għalliema (ITE), l-Appoġġ Bikri fil-Karriera (ECS) u l-Iżvilupp Professjonali Kontinwu (CPD).

L-istudju huwa bbażat fuq rieżami tad-dokumentazzjoni u d-dokumenti ta' politika disponibbli, intervisti mal-partijiet ikkonċernati rilevanti fil-livell tal-UE u analiżijiet fil-fond tal-pajjiżi abbażi ta' intervisti mal-għalliema fl-iskejjel, mal-edukaturi tal-għalliema, mal-manigiers ta' programmi ITE, mal-istudenti u ma' min ifassal il-politika f'seba' Stati Membri (l-Awstrija, il-Finlandja, Franza, l-Irlanda, l-Italja, il-Litwanja u l-Pajjiżi l-Baxxi).

Konklużjonijiet

Il-konklużjonijiet huma miġbura fi tliet settijiet. L-ewwel kategorija tinkludi konklużjonijiet relatati ma' żviluppi fil-livell tal-UE:

- Fil-livell Ewropew, it-taħriġ tal-għalliema għandu prijorità għolja fl-aġenda u ġew ipprovduti bosta studji u manwali prattiċi. Madankollu, l-impatti prattiċi diretti mhumiex daqstant evidenti.
- Ir-riformi nazzjonali ġeneralment huma konformi mar-rakkomandazzjonijiet mid-dokumentazzjoni tal-UE. It-taħriġ tal-għalliema jingħata prijorità kbira fl-aġenda politika f'ħafna pajjiżi u r-riformi ġeneralment għandhom fil-mira l-isfidi li jiġu affaċċjati.

It-tieni kategorija tinkludi konklużjonijiet relatati ma' sfidi u riformi:

- L-isfidi fil-livell tal-klassi huma indirizzati mill-istrutturi kollha (ITE, ECS u CPD). Madankollu, ir-riformi politiċi jiffokaw primarjament fuq l-ITE u anke, għalkemm mhux daqshekk, fuq is-CPD u l-ECS.
- L-isfidi fil-livell tal-iskola bilkemm jiġu indirizzati permezz tal-politiki dwar il-formazzjoni tal-għalliema. Dawn jistgħu jiġu indirizzati b'mod aktar effikaċi b'riformi politiċi oħra relatati mal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-organizzazzjoni tal-iskejjel (riżorsi).

- L-isfidi fil-livell tas-sistema huma indirizzati b'riformi tal-ITE, iżda huma relatati wkoll ma' oqsma politiċi oħra (kundizzjonijiet tax-xogħol, oqfsa finanzjarji, perċezzjonijiet tal-professjoni tal-għalliema).

It-tielet kategorija tinkludi konklużjonijiet relatati ma' strutturi ta' taħriġ tal-għalliema u strateġiji ta' riforma:

- Ir-riformi jiffokaw l-aktar fuq l-ITE. B'mod ġenerali, meta jitqies li l-ITE tkun fis-seħħ, partijiet oħra tal-continuum jingħataw aktar attenzjoni politika. It-taħriġ tal-għalliema rarament biss jiġi interpretat bħala continuum li jinkludi l-ITE, l-ECS u s-CPD. Konsegwentement, hemm nuqqas ta' koordinazzjoni bejn l-istrutturi (liema struttura tittratta liema sfida).
- Il-programmi tal-ITE jvarjaw ferm fil-pajjiżi studjati, skont l-ideat nazzjonali ta' x'inhu għalliem tajjeb. B'rabta ma' dan, kull riforma tal-ITE twassal għal ħafna dibattitu politiku u soċjetali.
- L-Appoġġ Bikri fil-Karriera kiseb prominenza fl-aġenda politika. Madankollu, f'ħafna pajjiżi l-approċċi għadhom sottożviluppati.
- L-Iżvilupp Professjonali Kontinwu jiġi pprovdut fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi. Madankollu, hemm nuqqas ġenerali ta' inċentivi biex wieħed jieħu sehem fis-CPD (marbuta mal-progressjoni tal-karriera) flimkien ma' ostakli individwali f'termini ta' disponibbiltà għall-parteċipazzjoni.

Rakkomandazzjonijiet

Jistgħu jingħataw diversi rakkomandazzjonijiet biex ikun żgurat li l-istrutturi għat-taħriġ tal-għalliema jkunu fis-seħħ biex jappoġġaw lill-għalliema jindirizzaw l-isfidi li jaffaċċaw.

Rakkomandazzjoni 1 (lill-partijiet ikkonċernati lokali, nazzjonali u Ewropej u lill-iskejjel u l-għalliema): **L-approċċ għat-taħriġ tal-għalliema għandu jkun wieħed ta' continuum li fih l-ITE, l-ECS u s-CPD jkunu inklużi kollha biex jiġu indirizzati l-isfidi tat-tagħlim.** F'dan il-kuntest, huwa rakkomandat li:

- L-offerta tal-ECS u tas-CPD tiġi strutturata f'perkorsi ta' tagħlim kontinwu, li jibnu fuq l-istadji preċedenti tal-continuum.
- Tiġi żgurata t-trasparenza tal-ECS u s-CPD biex jinħolqu konnessjonijiet aħjar bejn is-servizzi offruti.
- Tiġi żgurata t-trasparenza fl-aspettattivi li għandhom l-impjegaturi fir-rigward tal-iżvilupp kontinwu tal-għalliema.

Rakkomandazzjoni 2 (lill-partijiet ikkonċernati nazzjonali, lill-iskejjel u lill-għalliema): **Meta tiżviluppaw u timplimentaw riformi, qisu r-riżultati diġà miksuba fil-livell Ewropew dwar it-taħriġ tal-għalliema.** Huwa rakkomandat li:

- Tintuża d-dokumentazzjoni rilevanti tal-UE biex kwistjonijiet partikolari jitqiegħdu fl-aġenda nazzjonali (ECS u CPD)
- Tintuża d-dokumentazzjoni rilevanti biex jiġu żviluppati strutturi tal-ECS u tas-CPD fil-livell nazzjonali, lokali jew tal-iskola.

Rakkomandazzjoni 3 (lill-partijiet ikkonċernati nazzjonali u lokali/fil-livell tal-iskejjel): **Ir-riformi fit-taħriġ tal-għalliema għandhom ikunu konformi ma' riformi fl-organizzazzjoni tal-iskejjel u l-kundizzjonijiet tax-xogħol. Barra minn hekk, ir-riżorsi finanzjarji għandhom ikunu biżżejjed biex jiġu implimentati r-riformi.** F'dan il-kuntest, huwa rakkomandat li:

- Jingħata appoġġ lit-taħriġ tal-għalliema billi jiġu organizzati għażliet ta' taħriġ attraenti.
- Jinħolqu inċentivi għat-tagħlim billi tissaħħaħ il-ġestjoni tar-riżorsi umani fl-iskejjel u billi l-iżvilupp kontinwu jiġi konness mal-karrieri tal-għalliema.
- Jitranġaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-organizzazzjoni tal-iskejjel u l-kulturi tal-iskejjel biex jiinħolqu perkorsi ta' karrieri aktar differenzjati, jinħoloq inċentiv għat-tagħlim kollaborattiv fl-iskejjel u biex l-għalliema jingħataw aktar ħin għal kompiti marbuta mal-iżvilupp tal-iskejjel.

Jiġi żgurat li meta jiġu implimentati r-riformi, ir-riżorsi finanzjarji jkunu biżżejjed biex jintlaħqu l-oġettivi politiċi.